MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Il-Hamis 4 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Buttigieg – Kunsillier

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 2.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

2.1.1 Giet moqrija l-ittra tal-apologija li l-Kunsill ircieva minghand Joseph Buttigieg.

## 2.2 L-attivita` *Hondoq by Night* 2019.

2.2.1 Ghal din il-parti tal-laqgha attenda s-Sur Noel Mizzi l-President tal-*Qala Saints Football Club*. Is-Sindku s-Sur Paul Buttigieg stieden lis-Sur Mizzi sabiex jinforma lill-Kunsill ghalxiex ried jiltaqa` mal-Kunsill. Is-Sur Mizzi semma li l-*Qala Saints Football Club* qed isib hafna ntoppi fl-organizzazzjoni tal-attivita` ta' *Hondoq by Night* ta' din is-sena. Huwa semma li z-zewg *issues* huma dik tal-*walkway* li hemm bil-bajja u t-tindif. Huwa gie nformat li l-*walkway* din is-sena mhux ser tigi mnehhija temporanjament bhal ma kien isir fis-snin l-imghoddija. Huwa semma li din giet solvuta peress li l-posta giet armata fuq dan il-*walkway* izda l-problema li qed jsibu hija li forsi iwegga` xi hadd peress li qedha xi 3" il-fuq mir-ramel. Is-Sindku semma li dan mhux minnu. Is-Sur Mizzi semma li kellha titnehha l-ahhar bicca biss. Dwar it-tindif, is-Sur Mizzi semma li ser isir it-tindif fil-bajja imma l-*area* kollha ta' madwar ma jistghax isir peress li m'ghandhomx ghajnuna, kull ma qeghdin huma zewg persuni u xi zaghzagh. Huwa staqsa dwar minn kien inaddaf is-soltu peress li huwa kull ma jaf b'zewg *beach cleaners* biss. Is-Sindku semma li huwa ma jafx minn kien inaddaf is-soltu wara l-attivita` *Hondoq by Night.*

2.2.2 Is-Sindku semma li huwa dejjem kien ta' ghajnuna fejn seta` jghin sa anke s-sena l-ohra kien informa lil persuna li ghandu *kiosk* qrib il-bajja sabiex ma jiftahx il-*kiosk* waqt din l-attivita`. Huwa semma li kull sena kien inehhi dan il-*walkway* personalment bl-ghajnuna tal-haddiema assenjati mal-Kunsill izda din is-sena rcieva ordni sabiex din l-*walkway* ma titnehhiex peress li jekk isir dan tista` tigi mnehhija l-*blue flag.* Is-Sur Mizzi semma li huwa ccekkja u li dan mhux il-kaz. Is-Sindku semma li t-tindif irrid isir minn min jorganizza l-attivita`. Huwa semma wkoll li qed jintqal man-nies li l-Kunsill ilu mit-2017 ma jaghtiex ghajnuna lil Qala Saints Football Club, dan meta kien qed jaghmel il-*home visits* u anke dan l-ahhar granet. Is-Sindku semma li meta saret laqgha mhux ufficcjali mas-Sur Mizzi u l-Vici Sindku s-Sur Ivan Cefai, meta huwa staqsa kemm kien l-ammont li l-Kunsill ihallas fi spejjes ta' din l-attivita`, is-Sur Noel Mizzi irrisponda €500. Is-Sur Mizzi semma li huwa kien qal madwar €500 ghax ma kienx cert kemm il-Kunsill kien qed jghin ghalhekk mit-talba ta' €1,000 accetta li l-Kunsill ghandu jghin f'€500 ohra. Is-Sindku semma waqt din il-laqgha li saret mhux ufficjali huwa kien qal li €1,000 huwa hafna u ghalhekk nizel ghal €500 izda li ried iressaqha Kunsill biex igib l-approvazzjoni. Is-Sindku semma wkoll l-ispejjes li l-Kunsill qed johrog sabiex jghin fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita huma izjed minn €500 u dawn huma, l-*enforcement officers* €252, ufficjali tal-pulizija €412, servizz ta' ambulanza €175, kiri ta' *mobile toilets* €354 u kiri ta' barriers €118 kif ukoll hemm il-blokki ta' konkos €294. Is-Sur Noel Mizzi semma li l-blokki ta' konkos dejjem jithallsu mill-*Club* u li l-Kunsill kien hallas ghalihom darba biss fil-bidunett meta kienet bdiet isir din l-attivita`. Is-Sindku semma li l-ammont totali huwa €1,311. Is-Sur Mizzi semma li l-*Club* ser jinghata €5,000 mis-Segretarjat tal-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u €4,000 mill-Ministeru tat-Turizmu. Huwa semma li l-Kunsill m'ghadux jghin fil-*touraments* li jigu organizzati mill-*Club*. Is-Sindku semma li l-Kunsill ta l-ghajnuna tieghu fil-progett tal-*ground* tal-futbal fejn hallas €5,000 tas-Servizzi tal-Perit kif ukoll €5,000 ghat-thammil tal-*ground* jigifieri l-ammont totali tas-sena l-ohra bl-attivita *Hondoq by Night* u x-xoghol li sar fil-*ground*

jammonta ghal €11,311. Is-Sindku semma wkoll hemm madwar €26,000 pendenti nkonessjoni ma dan it-thammil, jekk tinqata` l-kaz li l-Kunsill ghandu l-qorti mal-Kuntrattur.

2.2.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-*walkway* li hemm fil-bajja kif ukoll it-tindif mhumiex kompetu tal-Kunsill. Huwa semma li fejn seta` l-Kunsill dejjem ghen bl-ahjar mod li seta`. Huwa semma li jinsab iddizappuntat li huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Valerie Cassar Mejlak ma gewx mistiedna ghal *press conference* li saret dwar din l-attivita`, gew mistiedna biss is-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillier is-Sur Joseph Buttigieg. Il-Kunsillier is-Sur Karl Buttigieg semma li l-Kunsill huwa maghmul minn hames membri u mhux tlieta. Is-Sur Mizzi semma li huwa ma kellux kontroll fuq dan infatti ma kellux ikun hemm il-Kunsill izda huwa rcieva telefonata fil-9:50am meta l-*press conference* kienet ser tkun fl-10:00am fejn gie mitlub sabiex jikkuntatja dawn it-tlett membri nfatti hekk ghamel u l-Vici Sindku nformah li s-Sindku ma setax ghax kellu l-Qorti, l-Vici Sindku kien xoghol u l-Kunsillier Joseph Buttigieg seta`. Is-Sindku semma wkoll li kellu jitnizzel il-*logo* tal-Kunsill fuq il-*poster.* Is-Sur Mizzi irrisponda li x'hin huwa staqsa lis-Sindku, dan qallu li m'hemmx ghalfejn ghalhekk ma sarx *logo* tal-Kunsill. Fl-ahhar il-Kunsill iddecida li m'ghandux jinghata ghajnuna ta' €500 ohra.

## 2.3 Tmiem il-laqgha.

2.3.1 Il-laqgha ntemmet fis-6:30 ta' filghaxija.

Ikkonfermati, illum it-Tlieta 9 ta' Lulju 2019.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |